Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11197 — SCL / ETHIAS / ETHIAS LEASE JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 279/08)

1. Fil-31 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Santander Consumer Leasing B.V. ("**SCL**") (in-Netherlands), li tappartjeni għal Banco Santander Group,

— Ethias NV/SA ("**Ethias**") (il-Belġju).

SCL u Ethias jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Ethias Lease kollha kemm hi (il-joint venture, "**il-JV**")

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— SCL huwa negozju Olandiż ta' kiri ta' karozzi ta' Santander Group, grupp ta' servizzi finanzjarji bbażat fi Spanja,

— Ethias hija assikuratur, li toffri firxa ta' prodotti tal-assikurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, attiva l-aktar fil-Belġju.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Ethias Lease se jkunu l-iżvilupp u l-forniment ta' servizzi ta' lokazzjoni operazzjonali għal vetturi elettriċi ekoloġiċi (inklużi assikurazzjoni u assistenza), u soluzzjonijiet ta' mobilità elettronika fis-segmenti tal-SMEs, korporattivi u pubbliċi fil-Belġju, li għandhom joperaw bħala pjattaforma b'diversi marki.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11197 — SCL / ETHIAS / ETHIAS LEASE JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË